EUROPEAN
COMMISSION

Brussell, 3.8.2017
COM(2017) 414 final

Recommendation for a

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

li tapprova l-konklużjoni, mill-Kummissjoni Ewropea, f'isem il-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, tal-Protokoll għall-Ftehim ta' Sħubija u Kooperazzjoni li jistabbilixxi sħubija bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa u r-Repubblika Kirgiża, min-naħa l-oħra, sabiex titqies l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

Il-Ftehim ta' Sħubija u Kooperazzjoni li jistabbilixxi sħubija bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa, u r-Repubblika Kirgiża, min-naħa l-oħra, minn issa 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim", kien iffirmat fid-9 ta' Frar 1995 fi Brussell u daħal fis-seħħ fl-1 ta' Lulju 1999.

Skont l-Att ta' Adeżjoni tagħha, ir-Repubblika tal-Kroazja timpenja ruħha li taderixxi mal-ftehimiet internazzjonali ffirmati jew konklużi mill-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha permezz ta' protokoll ma' dawn il-ftehimiet.

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-14 ta' Settembru 2012[1] awtorizzat lill-Kummissjoni biex tiftaħ negozjati mal-pajjiżi kkonċernati li mhumiex fl-UE, sabiex jiġu konklużi l-protokolli rilevanti. In-negozjati mar-Repubblika Kirgiża ġew konklużi b'suċċess bl-iskambju ta' notes verbales.

Il-Protokoll propost jinkorpora lir-Repubblika tal-Kroazja bħala parti kontraenti għall-Ftehim u jorbot lill-UE biex tipprovdi l-verżjoni awtentika tal-Ftehim bil-lingwa Kroata.

Il-Kummissjoni qieset li r-riżultati tan-negozjati huma sodisfaċenti u tipproponi l-iffirmar u l-konklużjoni tal-Protokoll. Permezz tar-rakkomandazzjoni mehmuża, il-Kummissjoni tirrakkomanda li l-Kunsill japprova l-konklużjoni, mill-Kummissjoni Ewropea, f'isem il-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, tal-Protokoll għall-Ftehim ta' Sħubija u Kooperazzjoni li jistabbilixxi sħubija bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa, u r-Repubblika Kirgiża, min-naħa l-oħra, sabiex titqies l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea.

Din ir-rakkomandazzjoni mehmuża hija ppreżentata b'mod konġunt ma':

(ii) proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar u l-applikazzjoni proviżorja tal-Protokoll f'isem l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha;

(iii) proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Protokoll f'isem l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha;

[1] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza l-ftuħ tan-negozjati għall-adattament tal-ftehimiet iffirmati jew konklużi bejn l-Unjoni Ewropea, jew l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, ma' pajjiż terz wieħed jew aktar jew ma' organizzazzjonijiet internazzjonali, fid-dawl tal-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea (id-dokument tal-Kunsill 13351/12 RISTRETT).

Recommendation for a

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

li tapprova l-konklużjoni, mill-Kummissjoni Ewropea, f'isem il-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, tal-Protokoll għall-Ftehim ta' Sħubija u Kooperazzjoni li jistabbilixxi sħubija bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa u r-Repubblika Kirgiża, min-naħa l-oħra, sabiex titqies l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari t-tieni paragrafu tal-Artikolu 101 tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Skont l-Artikolu 6(2) tal-Att tal-Adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja, għandu jkun hemm qbil dwar l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Ftehim ta' Sħubija u Kooperazzjoni li jistabbilixxi sħubija bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħha, minn naħa, u r-Repubblika Kirgiża, min-naħa l-oħra ("il-Ftehim")[2] permezz ta' protokoll għal dan il-Ftehim.

(2) Fl-14 ta' Settembru 2012, il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni biex tiftaħ negozjati mal-pajjiżi kkonċernati mhux Membri tal-Unjoni Ewropea[3]. In-negozjati ġew konklużi b'suċċess mar-Repubblika Kirgiża bl-iskambju ta' notes verbales.

(3) Il-konklużjoni, mill-Kummissjoni, tal-Protokoll jenħtieġ li tiġi approvata fir-rigward ta' materji li jaqgħu taħt il-kompetenza tal-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika.

(4) L-iffirmar u l-konklużjoni tal-Protokoll huma s-soġġett ta' proċedura separata fir-rigward ta' kwistjonijiet li jaqgħu taħt it-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

---

2 Id-Deċiżjoni tal-Kunsill u tal-Kummissjoni 1999/491/KE, ECSC, Euratom, tat-12 ta' Mejju 1999 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim tal-Assoċjazzjoni u Koperazzjoni li jistabbilixxi assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri, fuq naħa waħda, u r-Repubblika Kirgiża, fuq in-naħa l-oħra (ĠU L 196, 28.7.1999, p. 48).

3 Id-Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza l-ftuħ tan-negozjati għall-adattament tal-ftehimiet iffirmati jew konklużi bejn l-Unjoni Ewropea, jew l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, ma' pajjiż terz wieħed jew aktar jew ma' organizzazzjonijiet internazzjonali, fid-dawl tal-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea (id-dokument tal-Kunsill 13351/12 RISTRETT)

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu Uniku

Il-konklużjoni mill-Kummissjoni, f'isem il-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, tal-Protokoll għall-Ftehim ta' Sħubija u Kooperazzjoni li jistabbilixxi sħubija bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa l-waħda u r-Repubblika Kirgiża, min-naħa l-oħra, sabiex titqies l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea, hija b'dan approvata[4].

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President

[4] It-test tal-Protokoll jiġi ppubblikat fi ...[daħħal ir-referenza tal-ĠU] flimkien mad-Deċiżjoni dwar l-iffirmar f'isem l-Unjoni u tal-Istati Membri.